A.L. 163 ta' l-2000

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti ta' l-2000 dwar l-Ikkupjar ta' *Tapes*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 21A ta' l-Att dwar ix-Xandir, l-Awtorità tax-Xandir għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 1-2000 dwar l-Ikkupjar ta' *Tapes*, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 2000.

Tifsir.

2. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tax-Xandir imwaqqfa bl-artikolu 118 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"persuna li tagħmel ilment" tfisser terza persuna milquta li titlob lill-Awtorità li din tara li xandar jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess tifsir mogħti lilhom fl-Att.

Dmirijieti ta' xandar.

3. Xandar għandu jipprovdi lil persuna li tħoss ruħha aggravata bil-kontenut ta' xandira b'kopja ta' dik ix-xandira fi żmien ġurnata minn meta dik il-persuna tagħmel it-talba tagħha.

Drittijiet li jitħallsu lix-xandar.

4. Għall-għoti ta' kopja ta' xandira, persuna li tagħmel ilment għandha tħallas dawn id-drittijiet lix-xandar:

(a) fil-f'każ ta' programm tar-radju -

(i) dritt ta' Lm 6 għal xandira li ma teċċediex siegħa liema dritt għandu jinkludi l-ispejjeż kollha, inkluż il-prezz ta' l-għoti ta' *audio casssette*; u

(ii) dritt addizzjonali ta' Lm 1.50c għal kull siegħa addizzjonali jew parti minnha.

(b) f'kaz ta' programm tat-televiżjoni -

(i) dritt ta' Lm10 għal xandira li ma teċċediex siegħa liema dritt jinkludi l-ispejjeż kollha, inkluż il-prezz ta' *video cassette*; u

(ii) dritt addizzjonali ta' Lm 1.50c għal kull siegħa addizzjonali jew parti minnha.

(ċ) dawn id-drittijiet għandhom jinkludu t-taxxa dwar il-valur miżjud.

Nuqqas ta' xandar li jipprovdi kopja ta' xandira

5. F'każ li x-xandar jonqos milli jipprovdi kopja ta' dak it-*tape* kif hawn aktar qabel imsemmi fil-perjodu msemmi fir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tipprovdi kopja ta' dik ix-xandira lill-persuna aggravata u d-drittijiet imsemmija fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jigu mħallsa lill-Awtorità.

Poteri ta' l-Awtorità.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma bla ħsara għall-poteri ta' l-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 21A ta' l-Att.